**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru**
**114/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**vs**
**Carmel Schembri**

**Illum 19 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Carmel Schembri ta' 50 sena, iben Joseph u Maria xebba Grima, imwieled iż-Żurrieq, nhar it-12 t'April, 1966 u residenti 3, November Rain, Vjal il-Blue Grotto, iż-Żurrieq, detentur tal-karta tal-identita' numru 294466M.

Akkużat talli:

F'Bubaqra, ż-Żurrieq, nhar il-11 ta' Ġunju, 2016 għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03:00 a.m.)

1. Ħebb għal Mario Muscat (ID: 216574M) u kkaġunalu offiża ta' natura gravi hekk kif iċċertifika Dr. Ryan Camilleri (Med. Reg. 3672);

2. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Mario Muscat (ID: 216574M) biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu;

3. Bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Mario Muscat (ID: 216574M) weġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor.

Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'kż ta' ħtija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierq.

F'kaz ta' ħtija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' David Cutajar u l-familja tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 9 ta' Mejju 2019.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioe', ċertifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, kunsens tal-Avukat Ġenerali, ċertifikat mediku mmarkat bħala Dok MC1, nota ta' rifjut tal-jedd għal parir legali mmarkat bħala Dok MC2, stqarrija rilaxxjata fit-8 ta' Settembru 2016 immarkata bħala Dok MC3

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' l-Ispettur Melvyn Camilleri, Dr. Ryan Camilleri, Mario Muscat, Martin Grixti.

Rat li fil-verbal tal-5 ta' Frar 2021 il-Qorti għalqet il-provi tad-difiża.

**Spettur Melvyn Camilleri** spjega li fil-11 ta' Gunju 2016 għal ħabta tat-3:00 a.m. il-pulizija tal-għassa taż-Żurrieq kienu nfurmati li kien hemm ġlieda f'Nassaba Bar ġewwa Triq Santa Marija, Bubaqra Żurrieq. Il-Pulizija kienu kkonstataw li Carmel Schembri u Mario Muscat kellu grieħi ta' natura gravi li anke ppreżentaw ċertifikat mediku f'dan is-sens. L-Ispettur Camilleri kien ressaq lil Mario Muscat il-Qorti talli kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi lil Carmel Schembri pero' l-Maġistrat Dr. Joe Mifsud kien illiberah. Dak inhar ta' l-incident, Carmel Schembri u Mario Muscat kellhom xi jgħidu fejn Mario Muscat ta daqqa ta' stikka tal-billiard lil Carmel Schembri u kellu grieħi f'wiċċu. Mario Muscat kien infurmah li kien qabad l-istikka tal-billiard sabiex jiddefendi ruħu.

**Dr. Ryan Camilleri** spjega li fil-11 ta' Ġunju 2016 huwa kien eżamina lil Mario Muscat li kien infurmah li kien involut fi ġlieda u kellu qasma fuq moħħu u kellu bżonn il-punti. Peress li kellu bżonn il-punti fil-wiċċ, Dr. Ryan Camilleri ċċertifika li l-ġrieħi kienu ta' natura gravi. Stante li kien għadda trapass ta' żmien, Dr. Ryan Camilleri ma setax jiftakar il-każ u għaldaqstant ma setax jikkonstata ma x'hiex setgħet kienet kompatibbli d-daqqa li kellu Mario Muscat.

**Mario Muscat** jikkonferma li l-inċident seħħ fil-11 ta' Ġunju 2016 ġewwa Nassaba Bar, Zurrieq fejn Carmel Schembri kien qed jargumenta mat-tifel tiegħu u Mario Muscat ipprova jwaqqaf l-argument ta' bejniethom. Jispjega li t-tifel ta' Carmel Schembri jismu Neil Schembri. Mario Muscat jgħid li malli pprova jwaqqafhom milli jargumentaw, Carmel Schembri qallu biex ma jindaħalx u mar xi tliet darbiet jisfidah għal ġlied. Għalhekk Mario Muscat ipprova jitlaq il'barra iżda Carmel Schembri beda jgħidlu biex joħroġ barra ħalli jiġġieldu barra. Hekk hu ħiereġ il'barra mill-bar, Mario Muscat qala' daqtejn go rasu, waqa' ma' l-art u Neil Schembri u Carmel Schembri bdew ituh bis-sieq u bl-istikka tal-billiard. Konsegwenza tad-daqqa li qala bl-istikka tal-billiard, huwa kellu bżonn tmien punti f'rasu. Wara niżel l-għassa u għamel rapport, u wara mar il-clinic u l-isptar. Mario Muscat jgħid li niżel il-bar għall-ħabta tas-2:00 a.m. u mar sabiex jieħu drink. Jikkonferma li Carmel Schembri l-ewwel qallu biex ma jindaħalx

u telaq l'hemm, izda mbagħad reġa' ġie sabiex jistiednu għal ġlied. Inoltre jikkonferma li Neil Schembri kien imbuttah u konsegwenza waqa' ma' l-art u Carmel Schembri tah daqtejn ġo rasu.

**Martin Grixti** jgħid li huwa sid ta' bar ġewwa ż-Żurrieq bl-isem ta' Nassaba Bar. Jispjega li meta seħħ l-inċident huwa kien qed jimla l-fridges tal-bar u nduna li kien hemm tnejn min-nies qed jiġġieldu, li kienu Carmel Schembri u Mario Muscat. Ma jafx min beda l-argument izda huwa pprova jwaqqafhom milli jkomplu jargumentaw. Jispjega li Carmel Schembri huwa pparentat miegħu u fil-bar kien hemm anke t-tifel ta' Carmel Schembri, cioe' Neil Schembri. Jikkonferma li ntużat l-istikka tal-billiard f'din il-ġlieda u jispjega li huwa ra lil Carmel Schembri jaqbad l-istikka tal-billiard u jagħti daqqa biha lil Mario Muscat. Martin Grixti jispjega li dak iż-żmien kien qed isir il-Euro jew il-World Cup u konsegwenza ta' din il-ġlieda, il-bar tiegħi sofra minn ċertu ħsarat cioe' frames, headboard, u fann kbir ta' valur ta' €600. Qabel ma seħħet il-ġlieda, jgħid li Mario Muscat kien ġo kantuniera u Carmel Schembri kien xi ħames metri bogħod minnu.

**Il-fatti tal-Każ**

Dan il-każ ta l-bidu tiegħu meta Mario Muscat kien ġewwa ħanut bl-isem Nassaba Bar fiż-Żurrieq. Huwa kien ra lill-imputat u t-tifel tiegħu jargumentaw. Minħabba li qallhom biex joqgħodu kwieti, l-imputat kien qallu biex ma jindaħalx. Wara dan id-diskors is-sitwazzjoni kompliet tikber tant li l-istess Mario Muscat qal li kien ġie fuqu l-imputat u beda jistiednu għall-ġlied. Illi meta prova jitlaq 'l barra spiċċa qala' xi daqqiet minn għand l-imputat fejn f'mument minnhom spiċċa qala' daqqa ta' stikka tal-billiard fuq rasu. Bil-konsegwenza ta' din id-daqqa spiċċa kellhom jagħmlulhu tmien punti fuq rasu. Illi ġara wkoll li għalkemm l-imputat ma xehedx f'dawn il-proċeduri, Martin Grixti li huwa l-propjetarju tal-Bar fejn inqala' l-argument kien ra lill-imputat jagħti bl-istikka tal-billiard fuq ras Mario Muscat.

**Ikkunsidrat**

L-Ewwel Akkuża

Illi din l-akkuża tirrigwarda li l-imputat Carmel Schembri ħebb għal Mario Muscat u ikkaġunalu offiża ta' natura gravi kif ġie iċċertifikat minn Dr Ryan Camilleri. Illi minn dak li xehed Dr Ryan Camilleri qal li meta kien eżamina lil Mario Muscat fil-11 ta' Ġunju tas-sena 2016, kien ra li kellu qasma fuq rashu quddiem xagħru fejn kien hemm il-bżonn li jsiru l-punti. Kompla jgħid li kien iċċertifika bħala ferita gravi minħabba l-fatt li setgħet tħalli marka. Illi matul il-ġlieda li kien hemm ġewwa il-Bar fiż-Żurrieq kien hemm ukoll xhud okulari li ta aktar informazzjoni fuq dak li ġara. Illi Martin Grixti kien qiegħed gewwa l-Bar jimla' l-fridge meta bdiet il-ġlieda. Pero' għalkemm ma kienx ra kollox, indika fix-xhieda tiegħu li kien ra lill-imputat jgħati bil-billiard stick fuq ras Mario Muscat. Min-naħa l-oħra meta xehed l-istess Mario Muscat qal li kienu ġew fuqu kemm l-imputat u ibnu Neil Schembri u bdew jagħtuh. Illi (a fol 38), Mario Muscat semma' li fil-fatt kien l-imputat li tah daqqa ta' stikka tal-billiard fuq rashu u bil-konsegwenza li kellhom jagħmlulu tmien punti fuq rasu. Illi fil-fatt il-Qorti (a fol 39) fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 kienet rat li parti minn din il-ferita kienet mgħottija bix-xahar.

**Il-Ġrieħi**

Illi l-Artikoli tal-Liġi li jitkellmu dwar feriti gravi huma senjatament l-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponu s-segwenti:-

L-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:-

> *(1) "L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*
>
> *(a) jekk tista' ġġib periklu -*
>
> *(i) tal-ħajja; jew*
>
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
>
> *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
>
> *(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
>
> *(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
>
> *(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
>
> *(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
>
> *(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*
>
> *(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il - marda, f'perikolu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża".*

Filwaqt li l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-

> *(1) "L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin*
>
> *(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
>
> *(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
>
> *(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort".*

Illi minn dak li qal it-tabib Ryan Camilleri li eżamina lil Mario Muscat, ikkonkluda li huwa kellu qasma fuq rasu quddiem xagħru jiġifieri fuq moħħu fejn kellu jagħmel tmien punti. Il-fatt li kien ikkonkluda li din il-ferita bħala waħda gravi minħabba l-fatt li setgħet tibqa' marka fil-

wiċċ. Illi fil-fatt kif osservat ukoll il-Qorti (a fol 39) rat li kien hemm ċikatriċi. Għalhekk m'hemmx dubbju li l-ferita li sofra Mario Muscat hija waħda gravi u kellu ċikatriċi permanenti fuq wiċċu. Illi għalhekk din il-Qorti tara li din il-ferita għalkemm hija gravi ma gabitx sfregju gravi fil-wiċċ ta' Mario Muscat. Illi f'dan il-każ hija aktar ċara li t-tip ta' sfreġju huwa dak li hemm taħt l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk din il-Qorti wara li semgħet kemm dak li qal Mario Muscat kif ukoll minn dak li semma' Martin Grixti dwar id-dinamika tal-ġlieda, kien l-imputat responsabbli għal din id-daqqa fuq ras Mario Muscat bil-konsegwenzi li ġabet magħha u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati talli kkaġuna ġrieħi gravi fuq il-persuna ta' Mario Muscat.

**L-imputazzjoni ai termii ta' l-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:-

> *(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*
>
> *(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni."*

Dwar l-element kostituttiv tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja illi jeħtieġ li jintwera li "*l-imġieba*" ta' l-aġent tar-reat tammonta għal *a course of conduct.*

Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "*imġieba*" taħt l-Artikolu 251B mill-kliem tal-liġi:

"*… jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti*".

Fir-rigward ta' ta' dak li hemm fl-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** (deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, deċiża fit-2 ta' Mejju 2013 fejn ġie ritenut:-

"*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassment kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat.*"

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjament għall-fatti tal-każ in diżamina kif joħorġu

mill-provi, biex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, ġiex ippruvata imġieba ossia *a course of conduct da* parti tal-imputat li jsarraf f'aġir li jikkaġuna biża' ta' vjolenza kif prospettat fl-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tibda' biex tosserva illi l-imputat ġie mixli li kkommetta r-reat b'data u ħin partikolari. Illi fl-istess ċitazzjoni ma hemm xejn li jindika li kien hemm xi okkażjoni oħra qabel din id-data u lanqas mill-istess provi. Il-Prosekuzzjoni għalhekk hi marbuta li tipprova sal-grad meħtieġ fil-kamp kriminali li f'dawk il-parametri temporali indikati fiċ-ċitazzjoni, l-imġieba tal-imputat fil-konfront ta' Mario Muscat.

Issa l-provi li tressqu f'din il-kawża jduru madwar l-inċident li seħħ fil-11 ta' Ġunju 2016 fejn huwa ppruvat li l-imputat aġixxa aggressivament fil-konfront ta' Mario Muscat u ħebb għalih. Illi pero' ma hemm xejn indikat li kien hemm xi okkażjoni oħra jew xi diskors li ntqal qabel din il-ġurnata. Illi l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat ma tistax treġi u għalhekk qiegħed jiġi liberat minnha.

**L-imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

Illi jibda biex jingħad li waħda mill-akkużi li l-imputat qiegħed iwieġeb għalija hija dik taħt l-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi jidher li meta seħħ il-każ u ċioe' fis-sena 2016, dan l-artikolu tal-Liġi kien għadu in vigore. Illi meta fil-fatt dan il-każ beda jinstema' għall-ewwel darba fid-9 ta' Mejju 2019, dan l-artikolu ġie mħassar bl-Att XI tas-sena 2018. Illi għalhekk din il-Qorti minħabba l-fatt li dan ir-reat m'għadux aktar jeżisti u mħassar, mhux sejra tieħu konjizzjoni tiegħu.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 216, 218, 251B, 252, 383 et seq u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat Carmel Schembri ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni kif riavviżata ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ma ssibux ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u għalhekk tilliberah minnhom, u tikkundannah għal perjodu ta' sentejn (2) priġunerija iżda wara li l-Qorti rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ta' priġunerija m'għandiex tibda sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, fi żmien erba' snin (4) mil-lum u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati rresponsabbilita' tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Illi kwantu għat-talba ta' ħrug ta' ordni ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu stante li dan qiegħed jiġi indirizzat lil ċertu David Cutajar li mhux persuna msemmija jew involuta f'din il-kawża.

Il-Qorti qiegħda tordna wkoll li jinħareġ Ordni ta’ Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront tal-parte civile Mario Muscat għal perijodu ta’ tlett snin u dan taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fl-anness digriet.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**